REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1677

tal-31 ta' Awwissu 2020

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet sabiex titjieb il-prattiċità tar-rekwiżiti ta' informazzjoni relatati mar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 45(4) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/542 ([2]) biex jiżdiedu ċerti rekwiżiti għat-tressiq ta' informazzjoni fir-rigward tar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa u għall-inklużjoni ta' "identifikatur uniku tal-formula" fl-informazzjoni supplimentari pprovduta fuq it-tikketta ta' taħlita perikoluża. Dawn l-Annessi ġew emendati bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/11 ([3]). L-importaturi u l-utenti downstream huma mitluba jibdew jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda fi stadji, skont sensiela ta' dati ta' konformità li jiddependu mill-użu li għalih it-taħlita titqiegħed fis-suq.

(2) Setturi varji tal-industrija qajjmu tħassib fir-rigward tal-prattiċità tar-rekwiżiti ta' informazzjoni ta' reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa f'ċerti każijiet, b'mod partikolari fir-rigward tad-diffikultà li ssir taf il-kompożizzjoni eżatta tat-taħlitiet f'każijiet fejn tintuża materja prima b'kompożizzjoni varjabbli ħafna jew mhux magħrufa fil-manifattura tat-taħlita, f'każijiet fejn komponenti tossikoloġiċi simili ħafna pprovduti minn diversi fornituri, jintużaw flimkien fl-istess linja ta' produzzjoni, jew f'każijiet li jinvolvu katini ta' provvista kumplessi. Tqajjem ukoll tħassib, fil-każ ta' taħlitiet personalizzati, dwar l-impossibbiltà li tkun taf minn qabel liema taħlitiet personalizzati eżatti għandhom jitqiegħdu fis-suq.

(3) Huwa meħtieġ li tiġi indirizzata l-qagħda fejn jintużaw komponenti differenti iżda tossikoloġiċi simili ħafna f'taħlita, u fejn ma jkunx magħruf liema komponent ikun preżenti f'taħlita partikolari mqiegħda fis-suq fi żmien partikolari. Sabiex jiġi ggarantit li r-rekwiżiti ta' reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa jkunu jistgħu jitħarsu kif suppost fil-prattika, jenħtieġ li l-importaturi u l-utenti downstream jitħallew jiġbru flimkien komponenti tossikoloġiċi simili ta' taħlita f'grupp ta' komponenti interskambjabbli u jipprovdu informazzjoni dwar il-konċentrazzjoni totali ta' dawk il-komponenti preżenti fit-taħlita, mingħajr ma jkollhom għalfejn jispeċifikaw il-konċentrazzjonijiet separati tagħhom. Sabiex iċ-ċentri għal kontra l-velenu jkunu jistgħu jifformulaw reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa, jenħtieġ li l-komponenti jingħabru biss fi gruppi ta' komponenti interskambjabbli jekk il-klassifikazzjoni tagħhom għall-effetti fiżiċi u tas-saħħa jkunu identiċi u jekk l-identifikazzjoni tal-perikli u l-informazzjoni dwar il-periklu addizzjonali jkunu identiċi għal kull kombinazzjoni possibbli tat-taħlita finali li tirriżulta li tinkorpora dawk il-komponenti. Jenħtieġ li l-komponenti klassifikati għal ċerti klassijiet ta' periklu, ikollhom l-istess funzjoni teknika u l-istess karatteristiċi tossikoloġiċi sabiex ikunu miġbura flimkien.

([1]) ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/542 tat-22 ta' Marzu 2017 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet billi jżid Anness dwar l-informazzjoni armonizzata relatata mar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa (ĠU L 78, 23.3.2017, p. 1).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/11 tad-29 ta' Ottubru 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet fir-rigward tal-informazzjoni relatata mar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa (ĠU L 6, 10.1.2020, p. 8).

(4) Sabiex jiġu indirizzati diffikultajiet partikolari li jiltaqgħu magħhom il-ġipsum, is-setturi tal-konkrit diġà imħallat u tas-siment u sabiex ikunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' sikurezza, jenħtieġ li jkun possibbli li informazzjoni ta' reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa relatata ma' ċerti taħlitiet standardizzati f'dawk it-tliet setturi titressaq b'referenza għal kompożizzjoni standard. Madankollu, sabiex iċ-ċentri għal kontra l-velenu jkunu jistgħu jifformulaw reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa, jenħtieġ li din l-għażla tkun disponibbli biss f'każijiet fejn il-klassifikazzjoni tat-taħlita ma tinbidilx skont il-kompożizzjoni tat-taħlita fil-firex tal-konċentrazzjoni speċifikati fil-formula standard, u fejn l-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni tkun mill-inqas dettaljata daqs l-informazzjoni li tinsab fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà tat-taħlita, imfassla f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("skeda ta' *data* ta' sigurtà") ([4]). Fil-każ li l-informazzjoni li jkun hemm fl-iskeda ta' data ta' sigurtà tkun aktar dettaljata mill-informazzjoni dwar il-kompożizzjoni fil-formula standard, jenħtieġ li l-importaturi u l-utenti downstream jintalbu li minflok jinnotifikaw l-informazzjoni fl-iskeda ta' data ta' sigurtà.

(5) Sabiex jiġu indirizzati diffikultajiet partikolari antiċipati għal ċerti fjuwils, u b'kont meħud tal-fatti li l-fjuwils imqiegħda fis-suq normalment jikkonformaw ma' standard tekniku u li ċ-ċentri għal kontra l-velenu kkomunikaw għadd baxx ta' inċidenti ta' avvelenament bil-fjuwils, jenħtieġ li jkun possibbli, sakemm tinstab soluzzjoni aktar xierqa, li l-informazzjoni dwar reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa titressaq b'referenza għall-informazzjoni li tinsab fl-iskeda ta' *data* ta' sigurtà, kif ukoll għal kwalunkwe informazzjoni oħra magħrufa dwar il-kompożizzjoni kimika tal-prodotti.

(6) Sabiex tiġi sodisfatta d-domanda tal-klijent għal żebgħa ta' kulur speċifiku ħafna, xi drabi l-formulaturi jintalbu biex jifformulaw u jipprovdu żebgħa fuq bażi personalizzata fil-punt tal-bejgħ. Din iż-żebgħa speċifika jista' jkollha għadd kważi illimitat ta' kompożizzjonijiet differenti. Għaldaqstant, mingħajr kwalunkwe miżura ta' mitigazzjoni, il-konformità mar-rekwiżiti ta' reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tkun teħtieġ li l-formulaturi taż-żebgħa personalizzati jew iressqu informazzjoni u joħolqu identifikaturi tal-formula uniċi (UFIs) minn qabel għal għadd tassew kbir ta' żebgħa tal-kombinazzjonijiet kollha possibbli ta' kuluri, li ħafna minnhom qatt ma jistgħu jiġu fornuti fir-realtà, jew li kull provvista tiġi posposta sakemm tkun tressqet l-informazzjoni u jkun inħoloq l-UFI. Kwalunkwe approċċ joħloq piż sproporzjonat fuq l-industrija taż-żebgħa personalizzata, b'mod partikolari fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, mingħajr ma jtejjeb il-livell ta' sikurezza b'mod sinifikanti.

(7) Iċ-ċentri għal kontra l-velenu ma għarrfux b'għadd sinifikanti ta' inċidenti relatati maż-żebgħa. Fid-dawl tar-riskji li jidhru aktar baxxi meta mqabbla ma' taħlitiet oħra, huwa ġġustifikat li jiġi permess approċċ aktar flessibbli, peress li dan ma jnaqqasx il-livell attwali ta' sikurezza.

(8) Għalhekk huwa xieraq li tiġi prevista l-possibbiltà li ż-żebgħa personalizzata tiġi eżentata mill-obbligi ta' notifika fl-Anness VIII u mir-rekwiżit li jinħoloq UFI. Madankollu, f'dak il-każ, sabiex iċ-ċentri għal kontra l-velenu jkunu jistgħu jifformulaw reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa, jenħtieġ li t-taħlitiet individwali li jinsabu f'żebgħa personalizzata jibqgħu soġġetti għar-rekwiżiti kollha ta' dak l-Anness. Flimkien ma' dan ir-Regolament, ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1676 ([5]) jemenda l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 biex tinżdied regola ġdida, fil-każ ta' żebgħa personalizzata li għaliha ma tkun saret l-ebda sottomissjoni f'konformità mal-Anness VIII u li ma tkun inħoloq l-ebda UFI korrispondenti, li tirrikjedi li l-UFIs tat-taħlitiet individwali kollha li jinsabu fiż-żebgħa personalizzata li għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta taż-żebgħa personalizzata, flimkien mal-konċentrazzjoni speċifika ta' kull taħlita bħal din ma' UFI li jkun preżenti f'konċentrazzjoni li taqbeż il-5 %.

(9) Minħabba l-għadd ta' bidliet fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jixraq li jiġi sostitwit l-Anness kollu għal raġunijiet ta' ċarezza ġuridika.

(10) Meta jitqies li d-data ta' konformità għat-taħlitiet għall-użu mill-konsumatur u għall-użu professjonali tal-1 ta' Jannar 2021 stabbilita fl-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 qiegħda toqrob, u li dan ir-Regolament jippermetti lis-setturi kollha li jikkonformaw ma' dak l-Anness, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli.

(11) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jiġi emendat skont dan,

---

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

([5]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1676 tal-31 ta' Awwissu 2020 li jemenda l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet fir-rigward taż-żebgħa personalizzata Ara l-paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness VIII tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Awwissu 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

"ANNESS VIII

TAGĦRIF ARMONIZZAT RELATAT MAR-REAZZJONI TA' EMERĠENZA RELATATA MAS-SAĦĦA U MAL-MIŻURI TA' PREVENZJONI

PARTI A

REKWIŻITI ĠENERALI

1. APPLIKAZZJONI

1.1. Mill-1 ta' Jannar 2021, l-importaturi u l-utenti downstream li jqiegħdu taħlitiet fis-suq għall-użu mill-konsumaturi, fis-sens tat-Taqsima 2.4 tal-Parti A ta' dan l-Anness, għandhom jikkonformaw ma' dan l-Anness.

1.2. Mill-1 ta' Jannar 2021, l-importaturi u l-utenti downstream li jqiegħdu taħlitiet fis-suq għall-użu professjonali, fis-sens tat-Taqsima 2.4 tal-Parti A ta' dan l-Anness, għandhom jikkonformaw ma' dan l-Anness.

1.3. Mill-1 ta' Jannar 2024, l-importaturi u l-utenti downstream li jqiegħdu taħlitiet fis-suq għall-użu industrijali jew taħlitiet għal użu finali li mhuwiex soġġett għal notifika fis-sens tat-Taqsima 2.4 tal-Parti A ta' dan l-Anness, għandhom jikkonformaw ma' dan l-Anness.

1.4. Sal-1 ta' Jannar 2025, l-importaturi u l-utenti downstream li jkunu ressqu tagħrif dwar taħlitiet perikolużi lill-korp maħtur f'konformità mal-Artikolu 45(1) qabel id-dati tal-applikabbiltà msemmija fit-Taqsimiet 1.1, 1.2 u 1.3 u li ma jkunux konformi ma' dan l-Anness, ma għandux ikollhom jikkonformaw ma' dan l-Anness għal dawk it-taħlitiet.

1.5. B'deroga mit-Taqsima 1.4, jekk issir waħda mill-bidliet deskritti fit-Taqsima 4.1 tal-Parti B ta' dan l-Anness qabel l-1 ta' Jannar 2025, l-importaturi u l-utenti downstream għandhom jikkonformaw ma' dan l-Anness qabel ma jqiegħdu dik it-taħlita mibdula fis-suq.

2. GĦAN, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

2.1. Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti li l-importaturi u l-utenti downstream li jqiegħdu taħlitiet fis-suq, minn hawn 'il quddiem imsejħin "dawk li jibagħtu t-tagħrif", għandhom jissodisfaw b'rabta mat-tressiq tat-tagħrif sabiex il-korpi maħturin ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom it-tagħrif meħtieġ biex iwettqu l-kompiti li huma responsabbli għalihom skont l-Artikolu 45.

2.2. Dan l-Anness ma għandux japplika għal taħlitiet maħsubin għar-riċerka u għall-iżvilupp xjentifiċi u għal taħlitiet maħsubin għar-riċerka u għall-iżvilupp orjentati lejn il-prodotti u l-proċessi, kif iddefinit fl-Artikolu 3(22) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Dan l-Anness ma għandux japplika għat-taħlitiet ikklassifikati biss għal wieħed mill-perikli li ġejjin jew aktar:

(1) Il-gassijiet taħt pressjoni;

(2) L-isplussivi (l-isplussivi instabbli u d-Diviżjonijiet 1.1 sa 1.6)

2.2a. Fil-każ ta' żebgħa personalizzata, dawk li jibagħtu t-tagħrif jistgħu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(8), jagħżlu li ma jressqux tagħrif u ma joħolqux Identifikatur Uniku tal-Formula f'konformità ma' dan l-Anness.

2.3. Fil-każ ta' taħlitiet b'użu finali li mhux soġġett għal notifika jew għal taħlitiet li jitqiegħdu fis-suq għall-użu industrijali biss, dawk li jibagħtu t-tagħrif jistgħu jagħżlu li jressqu tagħrif limitat, minflok ma jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali tat-tressiq tat-tagħrif, f'konformità mat-tieni subparagrafu tat-Taqsima 3.1 tal-Parti B, dment li jkun hemm aċċess rapidu għal tagħrif iktar iddettaljat dwar il-prodotti f'konformità mat-Taqsima 1.3 ta' dik il-Parti.

2.4. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "taħlita għall-użu mill-konsumaturi' tfisser taħlita maħsuba biex tintuża mill-konsumaturi, waħedha jew inkorporata f'taħlita oħra maħsuba biex tintuża mill-konsumaturi u hija soġġetta għar-rekwiżiti ta' tagħrif fl-Artikolu 45;

(2) "taħlita għall-użu professjonali" tfisser taħlita maħsuba biex tintuża minn utenti professjonali iżda mhux f'siti industrijali, waħedha jew inkorporata f'taħlita oħra maħsuba biex tintuża minn utenti professjonali iżda mhux f'siti industrijali u hija soġġetta għar-rekwiżiti ta' tagħrif fl-Artikolu 45;

(3) "taħlita għall-użu industrijali" tfisser taħlita maħsuba biex tintuża biss f'siti industrijali;

(4) "taħlita b'użu finali mhux soġġett għal notifika" tfisser taħlita, inkorporata f'taħlita oħra fejn din tal-aħħar hija maħsuba biex tintuża minn konsumaturi jew minn utenti professjonali, iżda li mhijiex soġġetta għar-rekwiżiti ta' tagħrif fl-Artikolu 45;

(5) "żebgħa personalizzata" tfisser żebgħa li tiġi fformulata f'ammonti limitati fuq bażi mfassla apposta għal konsumatur individwali jew għal utent professjonali bit-taħlit ta' tinturi jew ta' kuluri fil-punt tal-bejgħ.

Meta t-taħlitiet ikollhom aktar minn użu wieħed, għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għall-kategoriji rilevanti kollha tal-użu.

3. REKWIŻITI TAT-TRESSIQ TAT-TAGĦRIF

3.1. Qabel ma jqiegħdu xi taħlita fis-suq, dawk li jibagħtu t-tagħrif għandhom jipprovdu tagħrif, dwar it-taħlitiet li huma kklassifikati bħala perikoluży abbażi tal-effetti tagħhom fiżiċi jew fuq is-saħħa, lill-korpi maħturin skont l-Artikolu 45(1) (minn hawn 'il quddiem imsejħin "il-korpi maħturin") tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri fejn it-taħlita tkun qed titqiegħed fis-suq.

It-tagħrif mibgħut għandu jinkludi t-tagħrif stabbilit fil-Parti B. Dan għandu jintbagħat b'mod elettroniku f'format XML li tipprovdih l-Aġenzija u li jitqiegħed għad-dispożizzjoni mingħajr ħlas.

3.2. F'każ li, wara li jirċievi t-tagħrif mressaq skont it-Taqsima 3.1, korp maħtur jagħmel talba motivata lil dak li jibgħat it-tagħrif għal iktar tagħrif jew għal kjarifika biex il-korp maħtur ikun jista' jwettaq il-kompiti li jkun responsabbli għalihom skont l-Artikolu 45, dak li jibgħat it-tagħrif għandu jipprovdi t-tagħrif meħtieġ jew il-kjarifika mitluba mingħajr dewmien żejjed.

3.3. It-tagħrif għandu jintbagħat bil-lingwa/lingwi uffiċjali tal-Istat Membru/Istati Membri fejn it-taħlita tkun qed titqiegħed fis-suq, ħlief jekk l-Istat Membru kkonċernat ma jiddeċidix mod ieħor jew l-Istati Membri kkonċernati ma jiddeċidux mod ieħor.

3.4. L-użu maħsub tat-taħlita għandu jiġi deskritt f'konformità mas-sistema armonizzata għall-kategorizzazzjoni tal-prodotti li tipprovdi l-Aġenzija.

3.5. Għandu jitressaq tagħrif aġġornat mingħajr dewmien żejjed meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima 4.1 tal-Parti B.

4. TRESSIQ TAT-TAGĦRIF GĦAL GRUPP TA' TAĦLITIET

4.1. Jista' jitressaq tagħrif f'daqqa għal aktar minn taħlita waħda meta t-taħlitiet kollha fi grupp ikollhom l-istess klassifikazzjoni għal perikli fiżiċi u għas-saħħa. Tali tressiq għandu jissejjaħ "it-tressiq tat-tagħrif għal grupp ta' taħlitiet".

4.2. It-tressiq tat-tagħrif għal grupp ta' taħlitiet għandu jitħalla jsir biss meta t-taħlitiet kollha fil-grupp ikun fihom l-istess komponenti (kif identifikat fit-Taqsima 3.2 tal-Parti B), u meta l-firxa tal-konċentrazzjoni rrappurtata għal kull komponent tkun l-istess għat-taħlitiet kollha (kif previst fit-Taqsima 3.4 tal-Parti B).

4.3. B'deroga mit-taqsima 4.2, it-tressiq tat-tagħrif għal grupp ta' taħlitiet għandu jitħalla jsir ukoll meta d-differenza fil-kompożizzjoni tat-taħlitiet differenti fil-grupp ikollha x'taqsam biss mal-fwejjaħ, dment li l-konċentrazzjoni totali tal-fwejjaħ differenti f'kull taħlita ma tkunx taqbeż il-5 %.

4.4. Fil-każ tat-tressiq tat-tagħrif għal grupp ta' taħlitiet, it-tagħrif meħtieġ fil-Parti B għandu jingħata għal kull taħlita inkluża fil-grupp fejn dan ikun applikabbli.

5. IDENTIFIKATUR UNIKU TAL-FORMULA (UFI)

5.1. Dak li jibgħat it-tagħrif għandu joħloq Identifikatur Uniku tal-Formula, (UFI), b'mezzi elettroniċi li tqegħedhom għad-dispożizzjoni l-Aġenzija. L-UFI huwa kodiċi alfanumeriku uniku li jorbot biċ-ċar it-tagħrif mibgħut dwar il-kompożizzjoni ta' taħlita jew ta' grupp ta' taħlitiet ma' taħlita speċifika jew ma' grupp speċifiku ta' taħlitiet. L-UFI jiġi allokat mingħajr ħlas.

Għandu jinħoloq UFI ġdid meta bidla fil-kompożizzjoni tat-taħlita jew ta' grupp ta' taħlitiet tkun tissodisfa waħda mill-kundizzjonijiet jew aktar stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c) tar-raba' inċiż tal-ewwel subparagrafu tat-Taqsima 4.1. tal-Parti B jew, skont il-każ, waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu ta' dik it-Taqsima.

B'deroga mit-tieni subparagrafu ta' din it-Taqsima, ma għandux ikun hemm bżonn ta' UFI ġdid fil-każ ta' taħlitiet inklużi fit-tressiq tat-tagħrif għal grupp ta' taħlitiet li jkun fihom il-fwejjaħ dment li l-bidla fil-kompożizzjoni jkollha x'taqsam biss ma' dawk il-fwejjaħ jew maż-żieda ta' fwejjaħ ġodda fihom.

Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu ta' din it-Taqsima, ma għandux ikun hemm bżonn ta' UFI ġdid meta bidla li tissodisfa l-kundizzjoni prevista fil-punt (a) tar-raba' inċiż tal-ewwel subparagrafu tat-Taqsima 4.1. tal-Parti B tikkonċerna biss komponent wieħed jew aktar miġbura f'grupp ta' komponenti interskambjabbli diġà inklużi fit-tressiq f'konformità mat-Taqsima 3.5. tal-Parti B.

5.2. Qabel l-UFI għandu jkun hemm l-akronimu "UFI" mogħti b'ittri kapitali, segwit b'żewġ punti ("UFI:") u dan għandu jkun jidher b'mod ċar, ikun jista' jinqara sew u jkun immarkat b'mod li ma jkunx jista' jitħassar.

5.3. Minflok ma jinkludi l-UFI fit-tagħrif supplimentari fuq it-tikketta, dak li jibgħat it-tagħrif jista' jagħżel li jistampah jew li jwaħħlu fuq l-imballaġġ ta' ġewwa flimkien mal-elementi l-oħra tat-tikketta.

Meta l-imballaġġ ta' ġewwa jkun jew f'tali forma jew tant żgħir li jkun impossibbli li l-UFI jitwaħħal fuqu, dak li jibgħat it-tagħrif jista' jistampa jew iwaħħal l-UFI flimkien mal-elementi l-oħra tat-tikketta fuq l-imballaġġ ta' barra.

Fil-każ ta' taħlitiet li mhumiex ippakkjati, l-UFI għandu jiġi indikat fl-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà jew jiġi inkluż fil-kopja tal-elementi tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 29(3), kif applikabbli.

Fil-każ ta' taħlitiet ippakkjati fornuti għall-użu f'sit industrijali, minflok ma jiġi inkluż l-UFI fuq it-tikketta jew l-imballaġġ, dak li jibgħat it-tagħrif jista' jagħżel li jindikah fl-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà.

6. FORMATI GĦAT-TRESSIQ TAT-TAGĦRIF U APPOĠĠ TEKNIKU GĦAL DAN

6.1. L-Aġenzija għandha tispeċifika, iżżomm u taġġorna l-ġeneratur tal-UFI, il-formati XML għat-tressiq tat-tagħrif u sistema armonizzata għall-kategorizzazzjoni tal-prodotti u tqegħedhom għad-dispożizzjoni mingħajr ħlas fuq is-sit web tagħha.

6.2. L-Aġenzija għandha tipprovdi gwida teknika u xjentifika, appoġġ tekniku u għodda li jiffaċilitaw it-tressiq tat-tagħrif.

PARTI B

TAGĦRIF LI JRID JINTBAGĦAT

1. IDENTIFIKAZZJONI TAT-TAĦLITA U TA' DAK LI JIBGĦAT IT-TAGĦRIF

1.1. **Identifikatur tal-prodott tat-taħlita**

L-identifikatur tal-prodott għandu jingħata skont l-Artikolu 18(3)(a).

Għandhom jingħataw l-isem/ismijiet kummerċjali sħaħ tat-taħlita, inklużi, fejn ikun rilevanti, isem/ismijiet il-marka, isem il-prodott u l-ismijiet differenti hekk kif jidhru fuq it-tikketta, mingħajr taqsiriet, u li jippermettu l-identifikazzjoni speċifika tagħha.

Barra minn hekk, mat-tagħrif mibgħut iridu jintbagħtu wkoll l-UFI(s).

1.2. **Dettalji ta' dak li jibgħat it-tagħrif u tal-punt ta' kuntatt**

Għandhom jingħataw l-isem, l-indirizz sħiħ, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-posta elettronika ta' dak li jibgħat it-tagħrif u, jekk differenti, l-isem, l-indirizz sħiħ, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-posta elettronika tal-punt ta' kuntatt li għandu jintuża biex jinkiseb aktar tagħrif rilevanti għall-finijiet tar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa.

1.3. **L-isem, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-posta elettronika għal aċċess rapidu għal tagħrif addizzjonali dwar il-prodott**

F'każ li jitressaq tagħrif limitat kif stabbilit fit-Taqsima 2.3 tal-Parti A, iridu jingħataw l-isem, in-numru tat-telefown u l-indirizz tal-posta elettronika għal aċċess rapidu għal tagħrif addizzjonali dettaljat dwar il-prodott li jkun rilevanti għall-finijiet tar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa fil-lingwa prevista fit-Taqsima 3.3 tal-Parti A. In-numru tat-telefown għandu jkun aċċessibbli 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa.

2. IDENTIFIKAZZJONI TAL-PERIKLI U TAGĦRIF ADDIZZJONALI

Din it-Taqsima tistabbilixxi r-rekwiżiti tat-tagħrif relatati mal-perikli fiżiċi u għas-saħħa tat-taħlita u t-tagħrif ix-xieraq ta' twissija marbut ma' dawk il-perikli, kif ukoll it-tagħrif addizzjonali li jrid jintbagħat.

2.1. **Klassifikazzjoni tat-taħlita**

Il-klassifikazzjoni tat-taħlita b'rabta mal-perikli fiżiċi u għas-saħħa (il-klassi ta' periklu, il-kategorija u d-dikjarazzjoni) għandha tingħata f'konformità mar-regoli tal-klassifikazzjoni mogħtija fl-Anness I.

2.2. **Elementi fuq it-tikketta**

Għandhom jingħataw l-elementi li ġejjin tat-tikketta meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 17, jekk dawn ikunu japplikaw:

— il-kodiċijiet tal-pittogrammi tal-periklu (Anness V);

— il-kelma bħala sinjal;

— il-kodiċijiet tad-dikjarazzjonijiet ta' periklu (Anness III, inkluż tagħrif supplimentari dwar il-periklu);

— il-kodiċijiet tad-dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni (Anness IV).

2.3. **Tagħrif tossikoloġiku**

It-tagħrif imressaq għandu jinkludi t-tagħrif dwar l-effetti tossikoloġiċi tat-taħlita jew tal-komponenti tagħha li titlob it-Taqsima 11 tal-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà tat-taħlita, f'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

2.4. **Tagħrif addizzjonali**

Għandu jingħata t-tagħrif addizzjonali li ġej:

— it-tip(i) u d-daqs/daqsijiet ta' imballaġġ użati biex it-taħlita titqiegħed fis-suq għall-użu mill-konsumaturi jew għall-użu professjonali;

— il-kulur(i) u l-istat fiżiku/l-istati fiżiċi tat-taħlita, kif fornuta;

— il-pH, jekk tkun disponibbli, tat-taħlita kif fornuta, jew, meta t-taħlita tkun solida, il-pH ta' likwidu jew soluzzjoni milwiema f'konċentrazzjoni partikolari. Il-konċentrazzjoni tat-taħlita tat-test fl-ilma għandha tiġi indikata. Jekk il-pH ma tkunx disponibbli, għandhom jingħataw ir-raġunijiet;

— il-kategorija tal-prodott (ara t-Taqsima 3.4 tal-Parti A);

— l-użu (mill-konsumaturi, professjonali, industrijali, jew kombinazzjoni ta' kwalunkwe wieħed minn dawn it-tlieta).

3. TAGĦRIF DWAR IL-KOMPONENTI TAT-TAĦLITA

3.1. **Rekwiżiti ġenerali**

Fit-tagħrif imressaq għandhom jingħataw l-identità kimika tal-komponenti tat-taħlita u l-konċentrazzjoni tagħhom fiha f'konformità mat-Taqsimiet 3.2, 3.3 u 3.4.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, f'każ li jitressaq tagħrif limitat kif stabbilit fit-Taqsima 2.3 tal-Parti A, it-tagħrif li jrid jitressaq dwar il-kompożizzjoni ta' taħlita għall-użu industrijali jew ta' taħlita b'użu finali li mhux soġġett għal notifika jista' jkun limitat għat-tagħrif mogħti fl-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà f'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, dment li dak it-tagħrif addizzjonali dwar il-komponenti jkun disponibbli b'mod rapidu fuq talba fl-emerġenzi f'konformità mat-Taqsima 1.3.

Ma għandhomx jiġu nnotifikati l-komponenti li ma jinsabux fit-taħlita. Madankollu, jekk jiġu nnotifikati bħala parti minn grupp ta' komponenti interskambjabbli f'konformità mat-Taqsima 3.5. jew il-konċentrazzjoni tagħhom tkun tressqet bħala firxa ta' perċentwali f'konformità mat-Taqsimiet 3.6. jew 3.7., dawn jistgħu jiġu nnotifikati jekk hu ċert li f'xi punt se jinsabu fit-taħlita.

B'deroga mit-tielet subparagrafu, fit-tressiq tat-tagħrif għal grupp ta' taħlitiet, tal-inqas waħda mit-taħlitiet għandu jkun fiha l-komponenti tal-fwejjaħ fit-taħlitiet.

Għat-tressiq tat-tagħrif għal grupp ta' taħlitiet, f'każ li l-fwejjaħ ma jkunux l-istess fit-taħlitiet inklużi fil-grupp, għandha tingħata lista tat-taħlitiet u tal-fwejjaħ li dawn jinkludu, inkluża l-klassifikazzjoni tagħhom.

3.2. **Identifikazzjoni tal-komponenti tat-taħlita**

Komponent tat-taħlita huwa sustanza jew taħlita f'taħlita.

3.2.1. *Sustanzi*

Għandu jingħata l-identifikatur tal-prodott f'konformità mal-Artikolu 18(2) għas-sustanzi identifikati skont it-Taqsima 3.3. Madankollu, jista' jintuża l-isem INCI, l-isem tal-indiċi tal-kulur jew isem internazzjonali ieħor tas-sustanza kimika, dment li l-isem kimiku jkun magħruf sew u jkun jiddefinixxi l-identità tas-sustanza mingħajr ambigwità. Għandu jiġu pprovdut ukoll l-isem kimiku tas-sustanzi li għalihom ikun tħalla jintuża isem kimiku alternattiv f'konformità mal-Artikolu 24.

3.2.2. *Taħlita f'taħlita*

Meta fil-kompożizzjoni ta' taħlita mqiegħda fis-suq tintuża taħlita oħra, l-ewwel taħlita tissejjaħ "taħlita f'taħlita" (minn hawn 'il quddiem imsejħa "MIM").

Għandu jingħata t-tagħrif dwar is-sustanzi li tkun fiha l-MIM f'konformità mal-kriterji tat-Taqsima 3.2.1, ħlief jekk dak li jibgħat it-tagħrif ma jkollux aċċess għat-tagħrif dwar il-kompożizzjoni kollha tal-MIM. Fl-aħħar każ,

(a) jekk ikun inħoloq UFI għall-MIM u l-korp maħtur ikun irċieva t-tagħrif dwar l-MIM fi tressiq ta' tagħrif minn qabel, l-MIM għandha tiġi identifikata permezz tal-identifikatur tal-prodott tagħha f'konformità mal-Artikolu 18(3)(a), flimkien mal-konċentrazzjoni tagħha u l-UFI;

(b) jekk l-UFI jkun inħoloq għall-MIM, iżda l-korp maħtur ma jkunx irċieva t-tagħrif dwar l-MIM fi tressiq ta' tagħrif minn qabel, l-MIM għandha tiġi identifikata permezz tal-identifikatur tal-prodott tagħha f'konformità mal-Artikolu 18(3)(a), flimkien mal-konċentrazzjoni tagħha u l-UFI u t-tagħrif dwar il-kompożizzjoni li jinsab fl-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà f'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-MIM u ta' kwalunkwe komponent magħruf ieħor, kif ukoll l-isem, l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown tal-fornitur tal-MIM;

(c) fin-nuqqas ta' UFI, l-MIM għandha tiġi identifikata permezz tal-identifikatur tal-prodott tagħha f'konformità mal-Artikolu 18(3)(a), flimkien mal-konċentrazzjoni tagħha u t-tagħrif dwar il-kompożizzjoni li tinsab fl-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà f'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-MIM u ta' kwalunkwe komponent magħruf ieħor, kif ukoll l-isem, l-indirizz tal-posta elettronika u n-numru tat-telefown tal-fornitur tal-MIM.

3.2.3. *Identifikazzjoni permezz ta' identifikaturi tal-komponenti ġeneriċi*

B'deroga mit-Taqsimiet 3.2.1 u 3.2.2, l-identifikaturi tal-komponenti ġeneriċi "fwejjaħ" jew "koloranti" jistgħu jintużaw għall-komponenti tat-taħlita użati biss biex tiżdied il-fwieħa jew biex jiżdied il-kulur magħha meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

— il-komponenti tat-taħlita mhumiex ikklassifikati bħala perikoluż għas-saħħa;

— il-konċentrazzjoni tal-komponenti tat-taħlita identifikati permezz ta' identifikatur tal-komponenti ġeneriċi partikolari b'kollox ma taqbiżx:

(a) 5 % għall-fwejjaħ kollha; u

(b) 25 % għall-koloranti kollha.

3.3. **Komponenti tat-taħlita soġġetti għar-rekwiżiti tat-tressiq tat-tagħrif**

Għandhom jiġu indikati l-komponenti tat-taħlita li ġejjin:

(1) il-komponenti tat-taħlita kklassifikati bħala perikoluż abbażi tal-effetti tagħhom fiżiċi jew fuq is-saħħa li:

— jinsabu fit-taħlita f'konċentrazzjoni ta' 0,1 % jew iktar;

— huma identifikati, anki jekk f'konċentrazzjonijiet ta' inqas minn 0,1 %, ħlief jekk dak li jibgħat it-tagħrif ikun jista' juri li dawk il-komponenti mhumiex rilevanti għall-finijiet tar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa u tal-miżuri ta' prevenzjoni;

(2) il-komponenti tat-taħlita mhux ikklassifikati bħala perikoluż abbażi tal-effetti tagħhom fiżiċi jew fuq is-saħħa li huma identifikati u li jinsabu fit-taħlita f'konċentrazzjoni ta' 1 % jew iktar.

3.4. **Konċentrazzjoni tal-komponenti tat-taħlita u l-firxiet tal-konċentrazzjoni tagħhom**

Dawk li jibagħtu t-tagħrif għandhom jipprovdu t-tagħrif stabbilit fit-Taqsimiet 3.4.1 u 3.4.2 b'rabta mal-konċentrazzjoni tal-komponenti tat-taħlita, identifikati f'konformità mat-Taqsima 3.3.

3.4.1. *Komponenti perikolużi li huma ta' ħassib kbir għar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa u għall-miżuri ta' prevenzjoni*

Meta l-komponenti tat-taħlita jkunu kklassifikati f'konformità ma' dan ir-Regolament bħala komponenti li jidħlu tal-inqas f'waħda mill-kategoriji ta' periklu mniżżlin hawn taħt, il-konċentrazzjoni tagħhom fit-taħlita għandha tingħata bħala perċentwal eżatt, f'ordni dekrexxenti skont il-massa jew il-volum tagħhom.

— Tossiċità akuta, il-kategorija 1, 2 jew 3;

— Tossiċità speċifika għall-organi fil-mira — Esponiment ta' darba, il-kategorija 1 jew 2;

— Tossiċità speċifika għall-organi fil-mira — Esponiment ripetut, il-kategorija 1 jew 2;

— Korrużjoni tal-ġilda, il-kategorija 1, 1 A, 1B jew 1C;

— Ħsara serja lill-għajnejn, il-kategorija 1.

Minflok ma jingħataw il-konċentrazzjonijiet bħala perċentwal eżatt, tista' titressaq firxa ta' perċentwali f'konformità mat-Tabella 1.

Tabella 1

Firxiet tal-konċentrazzjoni li japplikaw għall-komponenti perikolużi li huma ta' ħassib kbir għar-reazzjoni ta' emerġenza relatata mas-saħħa

Firxa tal-konċentrazzjoni tal-komponent perikoluż li jinsab fit-taħlita (%)	Medda massima tal-firxa ta' konċentrazzjoni li għandha tintuża meta jintbagħat it-tagħrif
≥ 25–< 100	unitajiet ta' 5 %
≥ 10–< 25	unitajiet ta' 3 %
≥ 1–< 10	unitajiet ta' 1 %
≥ 0,1–< 1	unitajiet ta' 0,3 %
> 0 — < 0,1	unitajiet ta' 0,1 %

3.4.2. *Komponenti perikolużi oħrajn u komponenti li mhumiex ikklassifikati bħala perikolużi*

Il-konċentrazzjoni tal-komponenti perikolużi f'taħlita li mhumiex ikklassifikati bħala komponenti li jidħlu fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' periklu mniżżlin fit-Taqsima 3.4.1 u l-konċentrazzjoni tal-komponenti identifikati li mhumiex ikklassifikati bħala perikolużi għandhom jingħataw bħala firxiet ta' perċentwali f'ordni dekrexxenti skont il-massa jew il-volum tagħhom, f'konformità mat-Tabella 2. Minflok, jistgħu jingħataw il-perċentwali eżatti.

Tabella 2

Firxiet tal-konċentrazzjoni li japplikaw għal komponenti perikolużi oħrajn u għal komponenti li mhumiex ikklassifikati bħala perikolużi

Firxa tal-konċentrazzjoni tal-komponent li jinsab fit-taħlita (%)	Medda massima tal-firxa ta' konċentrazzjoni li għandha tintuża meta jintbagħat it-tagħrif
≥ 25–< 100	unitajiet ta' 20 %
≥ 10–< 25	unitajiet ta' 10 %
≥ 1–< 10	unitajiet ta' 3 %
> 0 — < 1	unitajiet ta' 1 %

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għall-komponenti tal-fwieħa fit-tressiq tat-tagħrif għal grupp ta' taħlitiet li mhumiex ikklassifikati jew li huma kklassifikati biss għas-sensitizzazzjoni tal-ġilda tal-kategorija 1, 1 A jew 1B jew għat-tossiċità marbuta mal-aspirazzjoni, dawk li jibagħtu t-tagħrif ma għandhomx ikunu obbligati jipprovdu tagħrif fuq il-konċentrazzjoni tagħhom.

3.5. **Raggruppament ta' komponenti f'grupp ta' komponenti interskambjabbli**

Il-komponenti jistgħu jinġabru fi grupp biex jitressqu f'grupp ta' komponenti interskambjabbli dment li:

(a) għall-komponenti kollha fil-grupp ta' komponenti interskambjabbli,

— il-funzjoni(jiet) teknika/tekniċi li għaliha/għalihom jintużaw il-komponenti fit-taħlita li għaliha jkun tressaq it-tagħrif tkun (huma) identiċi, u

— il-klassifikazzjoni għal perikli fiżiċi u tas-saħħa hija identika (klassi u kategorija ta' periklu), u

— il-karatteristiċi tossikoloġiċi, inkluż tal-inqas it-tip ta' effett(i) tossikoloġiku/tossikoloġiċi u l-organu/i fil-mira, huma l-istess, u

(b) għall-kombinazzjonijiet kollha possibbli tat-taħlita finali li tirriżulta abbażi tal-komponenti tal-grupp tal-komponenti interskambjabbli, l-identifikazzjoni tal-perikli u t-tagħrif addizzjonali msemmija fit-Taqsima 2 tal-Parti B huma identiċi.

Minflok, il-komponenti li huma kklassifikati biss għall-korrużjoni tal-ġilda, l-irritazzjoni tal-ġilda, il-ħsara lill-għajnejn, l-irritazzjoni tal-għajnejn, it-tossiċità mill-aspirazzjoni, jew is-sensitizzazzjoni respiratorja jew tal-ġilda, jew kombinazzjoni tagħhom, jistgħu jinġabru wkoll fi grupp ta' komponenti interskambjabbli, dment li:

(a) il-klassifikazzjoni għal perikli fiżiċi u għas-saħħa (klassi u kategorija ta' periklu) hija identika għall-komponenti kollha, u

(b) l-pH, fejn applikabbli, tal-komponenti kollha klassifikati għall-korrużjoni tal-ġilda, l-irritazzjoni tal-ġilda, il-ħsara lill-għajnejn jew l-irritazzjoni tal-għajnejn huwa jew aċiduż, newtrali jew alkalin, u

(c) il-grupp ta' komponenti interskambjabbli ma fihomx aktar minn ħames komponenti, u

(d) għall-kombinazzjonijiet kollha possibbli tat-taħlita finali li tirriżulta abbażi tal-komponenti miġbura fil-grupp ta' komponenti interskambjabbli, l-identifikazzjoni tal-perikli u t-tagħrif addizzjonali msemmija fit-Taqsima 2 tal-Parti B huma identiċi.

3.5.1. *Isem tal-grupp ta' komponenti interskambjabbli u l-identifikazzjoni tal-komponenti miġbura fi grupp*

Il-grupp ta' komponenti interskambjabbli għandu jingħata l-isem li jikkorrispondi għall-funzjoni(jiet) teknika/tekniċi tal-komponenti miġbura fi grupp li għalih ġew inkorporati fit-taħlita.

Kull komponent f'grupp ta' komponenti interskambjabbli għandu jiġi identifikat f'konformità mat-Taqsima 3.2.1 jew 3.2, kif applikabbli.

3.5.2. *Konċentrazzjoni tal-komponenti miġbura fi grupp u l-firxiet tal-konċentrazzjoni tagħhom*

B'deroga mill-ewwel subparagrafu tat-Taqsima 3.4, għal komponenti miġbura fi grupp ta' komponenti interskambjabbli, dawk li jibagħtu t-tagħrif għandhom jipprovdu t-tagħrif stabbilit fit-Taqsimiet 3.4.1 u 3.4.2 fir-rigward tal-konċentrazzjoni totali tal-komponenti kollha preżenti fit-taħlita u miġbura fil-grupp ta' komponenti interskambjabbli.

Meta l-komponenti tat-taħlita, miġbura fi grupp ta' komponenti interskambjabbli jkunu kklassifikati f'konformità ma' dan ir-Regolament bħala komponenti li jidħlu tal-inqas f'waħda mill-kategoriji ta' periklu mniżżlin fit-Taqsima 3.4.1., il-konċentrazzjoni totali tal-komponenti preżenti fit-taħlita u miġbura fil-grupp ta' komponenti interskambjabbli għandha tingħata bħala perċentwal eżatt, f'ordni dekrexxenti skont il-massa jew il-volum tagħhom. Minflok, tista' titressaq firxa ta' perċentwali f'konformità mat-Tabella 1 ta' dik it-Taqsima.

Il-konċentrazzjoni totali tal-komponenti perikoluži preżenti f'taħlita u miġbura fi grupp ta' komponenti interskambjabbli li mhumiex ikklassifikati bħala komponenti li jidħlu fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' periklu mniżżlin fit-Taqsima 3.4.1 u l-konċentrazzjoni totali tal-komponenti identifikati li mhumiex ikklassifikati bħala perikoluži għandhom jingħataw bħala firxiet ta' perċentwali f'ordni dekrexxenti skont il-massa jew il-volum tagħhom, f'konformità mat-Tabella 2 tat-Taqsima 3.4.2. Minflok, jistgħu jingħataw il-perċentwali eżatti.

3.6. **Taħlitiet li jikkonformaw mal-formuli standard**

B'deroga mit-Taqsimiet 3.2, 3.3. u 3.4, għal taħlita b'kompożizzjoni li tikkonforma ma' formula standard speċifikata fil-Parti D, fejn il-klassifikazzjoni tat-taħlita ma tinbidilx skont il-konċentrazzjoni tal-komponenti fil-firxiet ta' perċentwali speċifikati fil-formula standard korrispondenti:

— jekk it-tagħrif dwar il-kompożizzjoni fil-formola standard, flimkien mat-tagħrif kif speċifikat fit-Taqsimiet 3.2 sa 3.4 dwar l-identità u l-konċentrazzjoni tal-komponenti mhux speċifikati fil-formola standard, ma jkunx inqas dettaljat minn dak li jinsab fl-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà f'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, l-identità u l-konċentrazzjoni ta' wieħed jew aktar mill-komponenti tat-taħlita jistgħu jitressqu kif speċifikat fil-formula standard għall-komponenti msemmija f'dik il-formula u kif speċifikat fit-Taqsimiet 3.2 sa 3.4 għall-komponenti l-oħrajn;

— jekk it-tagħrif imsemmi fl-inċiż preċedenti huwa inqas dettaljat minn dak li jinsab fl-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà f'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, għandu jingħata t-tagħrif dwar l-identità u l-konċentrazzjoni tal-komponenti kollha tat-taħlita li tinsab fl-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà f'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

3.7. **Fjuwils**

B'deroga mit-Taqsimiet 3.2, 3.3 u 3.4, għal dawk il-fjuwils elenkati fit-Tabella 3, jistgħu jitressqu l-identità u l-konċentrazzjoni tal-komponenti tat-taħlita elenkati fl-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà f'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Għandhom jitressqu wkoll l-identità u l-konċentrazzjoni ta' kwalunkwe komponent magħruf ieħor.

Tabella 3

Lista ta' fjuwils

Fjuwil	Deskrizzjoni tal-prodott
Gażolina EN228	Fjuwils għall-karozzi — Petrol bla ċomb
Gażolina E85	Fjuwils għall-karozzi — Fjuwil għall-karozzi bl-etanol (E85)
Gażolina alkilata	Fjuwil għall-magni — petrol speċjali għal għodod motorizzati
LPG	Gass likwifikat miż-żejt użat bħala fjuwil
LNG	Gass naturali likwifikat użat bħala fjuwil
Fjuwil tad-diżil	Fjuwils għall-karozzi — fjuwils għall-magni diżil bi/mingħajr bijofjuwil
Fjuwils tad-diżil paraffiniku (eż GTL, BTL jew HVO)	Fjuwils għall-karozzi — Fjuwil tad-diżil paraffiniku minn sinteżi jew minn idrotrattament
Żejt li jsaħħan	Fjuwils minerali likwidi bil-karatteristiċi ta' żejt kombustibbli domestiku
MK 1 diżil	Fjuwils għall-karozzi — Żejt kombustibbli tad-diżil ta' klassi ambjentali 1 u 2 għall-magni diżil b'veloċità għolja
Fjuwils għall-avjazzjoni	Fjuwils għall-avjazzjoni għal magni b'turbina u għal magni bil-pistuni
Kerosen— Paraffina għat-tidwil	Żejt tal-lampi tal-paraffina għat-tidwil Tip B u C
Żejt kombustibbli tqil	Il-tipi kollha ta' żejt kombustibbli tqil
Fjuwil marin	Fjuwils marini, li fihom jew ma fihomx bijodiżil
Esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin (FAME) — Diżil B100	Esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin (FAME) għall-użu fil-magni diżil u f'applikazzjonijiet tat-tisħin

3.8. **Klassifikazzjoni tal-komponenti tat-taħlita**

Għandha tingħata l-klassifikazzjoni għall-effetti fiżiċi u fuq is-saħħa (klassijiet ta' periklu, kategoriji ta' periklu u dikjarazzjonijiet ta' periklu) tas-sustanzi identifikati f'konformità mat-Taqsima 3.3 u li jinsabu fit-taħlita. Dan jinkludi l-klassifikazzjoni għal tal-inqas is-sustanzi kollha, indikati skont il-Punt 3.2.1 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 fl-Iskedi tad-*Data* ta' Sigurtà tat-taħlita u ta' kwalunkwe MIM li tinsab fit-taħlita. Għall-MIMs identifikati f'konformità mat-Taqsima 3.3 fejn dak li jibgħat it-tagħrif ma jkollux aċċess għall-kompożizzjoni sħiħa tal-MIM, għandha tingħata wkoll il-klassifikazzjoni għall-effetti fiżiċi u fuq is-saħħa tal-MIM.

4. AĠĠORNAMENT TAT-TAGĦRIF IMRESSAQ

4.1. **Kundizzjonijiet għall-aġġornament tat-tagħrif imressaq**

Meta tapplika xi waħda mill-bidliet li ġejjin għal taħlita li t-tagħrif dwarha jkun tressaq għaliha waħedha jew bħala parti mit-tagħrif għal grupp ta' taħlitiet, dawk li jibagħtu t-tagħrif għandhom jibagħtu tagħrif aġġornat qabel ma jqiegħdu dik it-taħlita mibdula fis-suq:

— meta jkun inbidel l-identifikatur tal-prodott tat-taħlita jew l-UFI;

— meta tkun inbidlet il-klassifikazzjoni tat-taħlita b'rabta mal-perikli tagħha fiżiċi jew għas-saħħa;

— meta jsir disponibbli tagħrif tossikoloġiku rilevanti ġdid dwar il-karatteristiċi tat-taħlita jew tal-komponenti tagħha b'rabta mal-perikli, li titolbu t-Taqsima 11 tal-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà;

— meta jkun hemm bidla fil-kompożizzjoni tat-taħlita li tkun tissodisfa xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) meta jiżdied, jinbidel jew jitħassar wieħed mill-komponenti tat-taħlita jew aktar li għandu jiġi indikat skont it-Taqsima 3.3;

(b) meta l-konċentrazzjoni ta' komponent fit-taħlita tinbidel b'mod li jmur lil hinn mill-firxa ta' konċentrazzjoni mogħtija fit-tagħrif li tressaq oriġinarjament;

(c) meta l-konċentrazzjoni eżatta ta' komponent ingħatat f'konformità mat-Taqsima 3.4.1 jew 3.4.2 u dik il-konċentrazzjoni tinbidel b'mod li jmur lil hinn mil-limiti identifikati fit-Tabella 4.

B'deroga mir-raba' inċiż tal-ewwel subparagrafu, għandu japplika dan li ġej:

(a) huwa meħtieġ aġġornament fuq it-tagħrif imressaq għal taħlitiet b'kompożizzjoni li tikkonforma ma' kwalunkwe waħda mill-formuli standard speċifikati fil-Parti D biss meta l-kompożizzjoni tat-taħlita tinbidel b'tali mod li l-kompożizzjoni tat-taħlita ma tibqax konformi mal-formula standard;

(b) huwa meħtieġ aġġornament fuq it-tagħrif imressaq għal taħlitiet fejn it-tagħrif dwar il-kompożizzjoni tingħata abbażi tal-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà f'konformità mat-Taqsima 3.6. jew 3.7., meta tiġi aġġornata t-Taqsima 3 tal-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà.

Tabella 4

Varjazzjonijiet fil-konċentrazzjoni tal-komponenti li minħabba fihom ikollu jitressaq tagħrif aġġornat

Konċentrazzjoni eżatta tal-komponent li jinsab fit-taħlita (%)	Varjazzjonijiet (±) fil-konċentrazzjoni inizjali tal-komponent li minħabba fihom ikollu jitressaq tagħrif aġġornat
> 25–≤ 100	5 %
> 10–≤ 25	10 %
> 2,5–≤ 10	20 %
≤ 2,5	30 %

Meta jinbidlu l-fwejjaħ inklużi fit-tressiq tat-tagħrif għal grupp ta' taħlitiet, għandha tiġi aġġornata l-lista tat-taħlitiet u tal-fwejjaħ li dawn jinkludu hekk kif titlob it-Taqsima 3.1.

4.2. **Kontenut tat-tagħrif aġġornat imressaq**

It-tagħrif aġġornat imressaq għandu jkun magħmul minn verżjoni riveduta tat-tagħrif li jkun tressaq qabel li jkun fiha t-tagħrif il-ġdid disponibbli kif deskritt fit-Taqsima 4.1.

PARTI C

FORMAT GĦAT-TRESSIQ TAT-TAGĦRIF

1. FORMAT GĦAT-TRESSIQ TAT-TAGĦRIF

1.1. **Format għat-tressiq tat-tagħrif**

It-tagħrif imressaq lill-korpi maħturin f'konformità mal-Artikolu 45 għandu jkun f'format li għandha tipprovdih l-Aġenzija. Il-format għat-tressiq tat-tagħrif għandu jindirizza l-elementi li ġejjin:

1.2. **Identifikazzjoni tat-taħlita, ta' dak li jibgħat it-tagħrif u tal-punt ta' kuntatt**

L-identifikatur tal-prodott

— L-isem/ismijiet kummerċjali sħiħ/sħaħ tal-prodott (fil-każ tat-tressiq tat-tagħrif għal grupp ta' taħlitiet għandhom jitniżżlu l-identifikaturi tal-prodotti kollha)

— Ismijiet jew sinonimi oħrajn

— L-identifikatur(i) uniku/uniċi tal-formula (l-UFI)

— Identifikaturi oħrajn (in-numru tal-awtorizzazzjoni, il-kodiċi tal-prodott tal-kumpanija)

Dettalji ta' kuntatt ta' dak li jibgħat it-tagħrif u tal-punt ta' kuntatt

— L-isem

— L-indirizz sħiħ

— In-numru tat-telefown

— L-indirizz tal-posta elettronika

Dettalji ta' kuntatt għal aċċess rapidu għal iktar tagħrif dwar il-prodott (24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa). F'każ li jitressaq tagħrif limitat biss.

— L-isem

— In-numru tat-telefown (aċċessibbli 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa)

— L-indirizz tal-posta elettronika

1.3. **Klassifikazzjoni tat-taħlita, l-elementi tat-tikketta u t-tossikoloġija**

Klassifikazzjoni tat-taħlita u l-elementi tat-tikketta

— Il-klassi u l-kategorija ta' periklu

— Il-kodiċijiet tal-pittogrammi tal-periklu (Anness V)

— Il-kelma bħala sinjal

— Il-kodiċijiet tad-dikjarazzjonijiet ta' periklu, inkluż il-kodiċijiet tat-tagħrif supplimentari dwar il-periklu (Anness III)

— Il-kodiċijiet tad-dikjarazzjonijiet ta' prekawzjoni (Anness IV)

Tagħrif tossikoloġiku

— Deskrizzjoni tat-tossiċità tat-taħlita jew tal-komponenti tagħha (hekk kif titlob it-Taqsima 11 tal-Iskeda ta' *Data* ta' Sigurtà f'konformità mal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006)

Tagħrif addizzjonali dwar it-taħlita

— Il-kulur(i)

— Il-pH, jekk jkun disponibbli, tat-taħlita kif fornuta, jew, meta t-taħlita tkun solida, il-pH ta' likwidu jew soluzzjoni milwiema f'konċentrazzjoni partikolari. Il-konċentrazzjoni tat-taħlita tat-test fl-ilma għandha tiġi indikata. Jekk il-pH ma tkunx disponibbli, għandhom jingħataw ir-raġunijiet.

— L-istat(i) fiżiku/fiżiċi

— L-imballaġġ (it-tip(i) u d-daqs(ijiet))

— L-użu maħsub (il-kategorija tal-prodott)

— L-użijiet (mill-konsumaturi, professjonali, industrijali)

1.4. **Tagħrif dwar il-komponenti tat-taħlita u dwar il-gruppi ta' komponenti interskambjabbli**

Identifikazzjoni tal-komponenti tat-taħlita

— L-isem kimiku jew l-isem kummerċjali tal-komponenti

— In-numru CAS (fejn dan ikun applikabbli)

— In-numru EC (fejn dan ikun applikabbli)

— L-UFI (fejn dan ikun applikabbli)

Isem tal-gruppi ta' komponenti interskambjabbli (fejn dan ikun applikabbli)

Konċentrazzjoni tal-komponenti tat-taħlita u l-firxiet tal-konċentrazzjoni tagħhom

— Il-konċentrazzjoni eżatta jew il-firxa tal-konċentrazzjoni

Klassifikazzjoni tal-komponenti tat-taħlita

— Il-klassifikazzjoni ta' periklu (fejn dan ikun applikabbli)

— L-identifikaturi addizzjonali (fejn dan ikun applikabbli u rilevanti għar-reazzjoni relatata mas-saħħa)

Lista skont il-ħames subparagrafu tat-Taqsima 3.1 tal-Parti B (fejn dan ikun applikabbli)

PARTI D

FORMULI STANDARD

Għall-formula standard minn 1 sa 17 japplikaw il-kundizzjonijiet li ġejjin:

— Il-metall tqil, il-mikroelementi: As, Ba, Cd, Cr, Co, Cu, Hg, Mo, Ni, Pb, Sb, Sn, Te, Tl, V huma inqas minn 0,1 w/w % u Mn, Sr, Zn huma inqas minn 1 w/w %

— Il-PAHs mhumiex preżenti

Nota li tapplika għall-formuli standard minn 1 sa 17:

— [1] Is-sustanza UVCB tikkonsisti f'ammonti varjabbli ta' kalċit, silikat tat-trikalċju, silikat tad-dikalċju, ossidu tal-kalċju, kwarz, klorur tal-potassju, sulfat tal-potassju, sulfat tal-kalċju, silikat tas-sodju u tal-aluminju, silikat tal-aluminju u tal-manjeżju, muskovit, …

1. SIMENT

Formula Standard tas-Siment — 1		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland *b'kostitwent wieħed: klinker*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	86,5–100
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 2		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment li għandu mill-gagazza ta' Portland u siment tal-forn tal-blast *b'żewġ kostitwenti: klinker u gagazza*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	4,6–94
Gagazza tal-forn tal-blast granulata	266-002-0	5,5–95
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 3		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland bid-duħħan tas-siliċe *Simenti ta' Portland b'żewġ kostitwenti ewlenin: klinker u duħħan tas-siliċe*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	82–94
Duħħan tas-siliċe	273-761-1	5,5–10
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 4		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland-pozzolana, siment Pozzolaniku *Simenti ta' Portland b'żewġ kostitwenti ewlenin: klinker u pozzolana (pozzolana naturali jew pozzolana naturali kkalċinata)*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	41–94
Pozzolana (ikkalċinata) naturali	310-127-6	5,5–55
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-303-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 5		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland bl-irmied li jtir, siment Pozzolaniku *Simenti ta' Portland b'żewġ kostitwenti ewlenin: klinker u irmied li jtir (irmied li jtir siliċuż u kalkarju)*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	41–94
Irmied li jtir	931-322-8	5,5–55
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 6		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland bix-shale maħruq *Simenti ta' Portland b'żewġ kostitwenti ewlenin: klinker u shale maħruq*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	59–94
Shale maħruq	297-648-1	5,5–35
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 7		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland bil-ġebla tal-franka *Simenti ta' Portland b'żewġ kostitwenti ewlenin: klinker u ġebla tal-franka*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	59–94
Ġebla tal-franka	215-279-6	5,5–35
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 8		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland kompożitu, Siment kompożitu (gagazza — ġebla tal-franka) *Simenti ta' Portland bi tliet kostitwenti ewlenin: klinker, gagazza u ġebla tal-franka*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	31,9 — 88
Gagazza tal-forn tal-blast granulata	266-002-0	5,5 — 59
Ġebla tal-franka	215-279-6	5,5–29
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 9		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland kompożitu, Siment kompożitu (gagazza — irmied li jtir) *Simenti ta' Portland bi tliet kostitwenti ewlenin: klinker, gagazza tal-forn tal-blast, irmied li jtir siliċuż u kalkarju*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	18,2–88
Gagazza tal-forn tal-blast granulata	266-002-0	5,5–59
Irmied li jtir	931-322-8	5,5–49
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula standard tas-siment — 10		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland kompożitu, Siment kompożitu (gagazza — pozzolana) *Simenti ta' Portland bi tliet kostitwenti ewlenin: klinker, gagazza tal-forn tal-blast, pozzolana naturali jew pozzolana naturali kkalċinata*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	18,2–88
Gagazza tal-forn tal-blast granulata	266-002-0	5,5–49
Pozzolana (ikkalċinata) naturali	310-127-6	5,5–49
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 11		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland kompożitu (gagazza–shale maħruq) *Simenti ta' Portland bi tliet kostitwenti ewlenin: klinker, gagazza tal-forn tal-blast, shale maħruq*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	59–94
Gagazza tal-forn tal-blast granulata	266-002-0	5,5–29
Shale maħruq	297-648-1	5,5–29
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 12		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland kompożitu (ġebla tal-franka — irmied li jtir) *Simenti ta' Portland bi tliet kostitwenti ewlenin: klinker, ġebla tal-franka, irmied li jtir siliċuż u kalkarju*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	46–94
Ġebla tal-franka	215-279-6	5,5–29
Irmied li jtir	931-322-8	5,5–44
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 13		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland kompożitu (ġebla tal-franka- pozzolana) *Simenti ta' Portland bi tliet kostitwenti ewlenin: klinker, ġebla tal-franka, pozzolana naturali jew pozzolana naturali kkalċinata*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	46–94
Ġebla tal-franka	215-279-6	5,5–29
Pozzolana (ikkalċinata) naturali	310-127-6	5,5–44
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 14		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland kompożitu (ġebla tal-franka — shale maħruq) *Simenti ta' Portland bi tliet kostitwenti ewlenin: klinker, ġebla tal-franka u shale maħruq*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	59–94
Ġebla tal-franka	215-279-6	5,5–29
Shale maħruq	297-648-1	5,5–29
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 15		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment ta' Portland kompożitu, Siment pozzolaniku (irmied li jtir — pozzolana) *Simenti ta' Portland bi tliet kostitwenti ewlenin: klinker, irmied li jtir siliċuż u kalkarju, pozzolana naturali jew pozzolana naturali kkalċinata*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	41–94
Pozzolana (ikkalċinata) naturali	310-127-6	5,5–55
Irmied li jtir	931-322-8	5,5–55
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 16		
Deskrizzjoni tal-prodott	Portland kompożitu *Simenti ta' Portland b'erba' kostitwenti ewlenin: klinker u tlieta minn dawn il-kostitwenti: gagazza tal-forn tal-blast, duħħan tas-siliċe, irmied li jtir, pozzolana, shale maħruq, ġebla tal-franka*	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	59–94
Gagazza tal-forn tal-blast granulata Pozzolana (ikkalċinata) naturali Irmied li jtir Shale maħruq Ġebla tal-franka Duħħan tas-siliċe	266-002-0 310-127-6 931-322-8 297-648-1 215-279-6 273-761-1	5,5–23
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 17		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment kompożitu *Simenti ta' Portland b'erba' kostitwenti ewlenin: klinker, gagazza, rmied li jtir siliċuż, pozzolana naturali jew pozzolana naturali kkalċinata*	
Kostitwent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	18,3–64
Gagazza tal-forn tal-blast granulata	266-002-0	16,5–49
Pozzolana (ikkalċinata) naturali	310-127-6	5,5–43
Irmied li jtir	931-322-8	5,5–43
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	0–8
Trab taċ-ċmieni [1]	270-659-9	0–5
Materjali minerali naturali inorganiċi	310-127-6	
Sulfat tal-ħadid(II)	231-753-5	0–1
Sulfat tal-landa(II)	231-302-2	0–0,1

Formula Standard tas-Siment — 18		
Deskrizzjoni tal-prodott	Siment tal-aluminati tal-kalċju	
Kostitwent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment tal-aluminati tal-kalċju	266-045-5	86,5–100
Aġġuvant għall-immolar	-	0–0,2

Formula Standard tas-Siment — 19		
Deskrizzjoni tal-prodott	Simenti għall-bini bil-ġebel — bil-klinker u bil-ġir — MC 5, MC 12,5, MC 22,5	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	25–60
Ġir għall-bini skont l-EN 459	215-138-9	1–75
Idrossidu tal-kalċju skont l-EN 459	215-137-3	
Kostitwent inorganiku ieħor mhux perikoluż	310-127-6	0–74
Pigmenti inorganiċi skont l-EN 12878	-	0–1

Formula Standard tas-Siment — 20		
Deskrizzjoni tal-prodott	Simenti għall-bini bil-ġebel — bil-klinker u mingħajr ġir — MC 5, MC 12,5, MC 22,5	
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Klinker tas-siment ta' Portland	266-043-4	25–60
Kostitwent inorganiku ieħor mhux perikoluż	310-127-6	40–75
Pigmenti inorganiċi skont l-EN 12878		0–1

2. LEGANT TAL-ĠIPSUM

Formula standard tal-legant tal-ġipsum		
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Sulfat tal-kalċju	231-900-3	≥ 50 u < 100
Diidrossidu tal-kalċju	215-137-3	≥ 0 u < 5

3. KONKRIT IMĦALLAT LEST

Formula Standard 1 tal-konkrit imħallat lest **Klassijiet tas-saħħa tal-konkrit C8/10, C12/15, C16/20, C20/25, C25/30, C28/35, C32/40, C35/45, C40/50, C45/55, C50/60** **LC8/9, LC12/13, LC16/18, LC20/22, LC25/28, LC30/33, LC35/38, LC40/44, LC45/50, LC50/55, LC55/60**		
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Siment	270-659-9	3–18
Ilma	231-791-2	5–8
Aggregati	273-727-6	70–80
Aġenti arjaturi (taħlita addittiva)	-	0–0,08
Plastifikanti/superplastifikanti (taħlita addittiva)	-	0–0,15
Ritardanti (taħlita addittiva)	-	0–0,4
Aċċeleraturi (taħlita addittiva)	-	0–0,2
Reżistenti għall-ilma (taħlita addittiva)	-	0–0,25
Irmied li jtir	931-322-8	0–8
Duħħan tas-siliċe	273-761-1	0–3
GGBS	266-002-0	0–6

Formula Standard 2 tal-konkrit imħallat lest **Klassijiet tas-saħħa tal-konkrit C55/67, C60/75, C70/85, C80/95, C90/105, C100/105,** **LC 60/66, LC70/77, LC80/88**		
Isem tal-komponent	Nru KE	Konċentrazzjoni (w/w %)
Siment	270-659-9	12–25
Ilma	231-791-2	5–8
Aggregati	273-727-6	70–80
Aġenti arjaturi (taħlita addittiva)	-	0,04–0,08
Plastifikanti/superplastifikanti (taħlita addittiva)	-	0–0,15
Ritardanti (taħlita addittiva)	-	0–0,4
Aċċeleraturi (taħlita addittiva)	-	0–0,2
Reżistenti għall-ilma (taħlita addittiva)	-	0–0,25
Irmied li jtir	931-322-8	0–8
Duħħan tas-siliċe	273-761-1	0–3
GGBS	266-002-0	0–6”